SANNAT

Minuti tat-tmienja u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Tnejn 14 ta' Novembru, 2011 fis-8.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1898 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 37 li saret fil-20 ta' Ottubru 2011.

**Item 2. Mill-Minuti**

1899 *(para. 1872)* Rigward it-tender 05/2011 għall-kostruzzjoni tal-proġett tar-recreational area ta' Daħla taċ-Ċnus, il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. beda x-xogħol. Hu waqqa' l-ħitan u reġa' beda jibnihom mill-ġdid. Biex ix-xogħol ikun aħjar ġie propost mill-Kunsill li jingħata l-konkos fis-sejjieħ. Il-perit li kien preżenti qal li dak normalment ma jkunx permess li jsir. Il-Kunsill qabel li juża l-konkos fil-ħitan tas-sejjieħ fil-wiċċ u jiġi miksi bil-ġebel biex ma jitwaqqax peress li jkun hemm in-nies fir-recreational area.

1900 It-Tenders l-oħra tar-recreational area ta' Daħla taċ-Ċnus għalqu. Dawn infetħu u kienu:

Tender No. 07/2011

Tender for the supply and Planting of trees at the Recreational Area – Daħla taċ-Ċnus in Sannat.

Closing date 9th November 2011 at 12.00 p.m.

| No. | Contractor | | Amount |
|---|---|---|---|
| 1. | Calamatta Landscapes | | € 2,432.25 |
| 2. | Xerri's Garden Centre | Option 1 | € 2,950.00 |
| | | Option 2 | € 5,052.00 |
| | | Option 3 | € 10,705.00 |
| 3. | Albert Camilleri | | € 3,502.50 |

L-Irħas waħda kienet ta' Calamatta Landscapes u ngħatat lilu. Dan sar wara li l-perit evalwa t-tenders fil-preżenza tal-Kunsill.

1901 Tender No. 08/2011

Tender for the manufacture and installation of furniture for the Recreational Area – Daħla taċ-Ċnus in Sannat.

Closing date 9th November 2011 at 12.00 p.m.

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | J. G. C. Ltd. | € 10,135.00 |
| 2. | Joseph Portelli (J. Portelli Projects Ltd.) | € 9,405.09 |

L-irħas waħda kienet ta' Joseph Portelli (J. Portelli Projects Ltd.) u ngħatat lilu. Dan sar wara li l-perit evalwa t-tenders fil-preżenza tal-Kunsill.

1902 *(para. 182*) Rigward il-proġett tal-Measure 313 il-perit bidel l-iskeda tax-xogħol skond ma pproponew il-Paying Agency. Din l-iskeda ġiet approvata mill-Kunsill. Il-perit qal li għandha tintbagħat ittra lill-Paying Agency bl-istima emendat għal approvazzjoni tagħhom.

1903 *(para.1830)* Rigward it-transport tat-tfal tal-iskola primarja, intbagħat ittra lill-ġenituri ta' dawn it-tfal fejn ġew infurmati li l-Kunsill ma għandux flus ivvutati għal dan is-servizz, imma xorta ser jorganizza dan is-servizz u l-ispejjeż jitħallsu mill-ġenituri. Għandha tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal ġrenet li baqa' u tkun kwotazzjoni għal kull ġurnata.

1904 *(para. 1838)* Rigward Memo 94/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Tabella fid-daħla ta' kull playground tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill qabel li jsir pilastru tal-ħadid fl-entratura fejn l-ġnien għandu jingħata l-isem ta' Ġnien is-Sannatin.

1905 (para. 1850) L-applikazzjoni rigward il-Memo 66/2011 dwar l-iskema għal titjib fi playing field eżistenti ntbagħtet. L-istima tal-perit hi ta' €192,000.

1906 *(para. 1865)* Ittra mingħand Transport Malta rigward il-Bus Shelter ta' Triq ta' Ċenċ. Dawn talbu lill-Kunsill jekk applikax biex din tiġi spustjata x'imkien ieħor. Il-Kunsill qabel li din tiġi spustjata fejn ta' Jason Curmi fi Triq Ta' Ċenċ.

1907 *(para. 1877)* Rigward l-attivita' World Children's Day, il-Kunsillier Marlene Muscat qalet li waqt l-attivita', meta waslet il-pjazza rat l-affarijiet konnessi mal-attivita' ħerġin minn ġol-każin tal-Labour. Hi staqsiet ukoll jekk l-voluntiera kienux avżati bl-attivita? Is-Sindku ċaħad li l-affarijiet konnessi ma' din l-attivita' kienu qed jinżammu fil-każin tal-Labour u kienu l-bżieżaq biss li nżammu fil-każin.

1908 *(para. 1881)* Rigward il-*portable camera* fejn il-bins on wheels, is-Segretarju kellem lil Galea Curmi Consultants rigward tipi ta' portable cameras. Dawn qalu li waħda bil-voltaic panels tiġi tiswa madwar €1,400, imma ma tkunx effettiva bħal waħda li tkun *connected* mal-internet. Kull numru ta' granet trid tibdel s-CD.

1909 *(para. 188*2) Il-Kunsill qabel id-dustbin jitwaħħal fil-pjazza tax-Xelina fejn tal-Vjolin.

1910 (para. 1885) Rigward il-bozza L009 li hemm fi Triq ta' Ċenċ fejn tal-Venun il-Kunsill qabel li din għandha tiġi mkabbra għar-raġuni li din mhix turi biżżejjed minħabba d-distanzi li hemm għal mal-bozoz l-oħra li hemm fil-viċinanza. Tagħha.

1911 *(para.1887)* Il-bollard fil-kantuniera ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 ma' Triq il-Kbira saret u ġiet tiswa €20. Għandu isir kuntratt mal-familja konċernata fejn jixtiequ li teħel eżatt din il-bollard.

1912 *(para. 1889)* Rigward it-tender tal-proviżjon tal-fanali ta' Triq Sannat, Calleja & Sons Ltd. ġew infurmati permezz tal-ittra tal-aċċettazzjoni.

1913 *(para. 1891)* Rigward il-kwotazzjonijiet tal-PABX (Nru. 7/2011) għall-uffiċini tal-Kunsill Amministrattiv il-ġdid ingħatat kopja tagħhom lil Galea Curmi Consultats sabiex jagħmlu rapport lill-Kunsill.

1914 *(para. 1892)* Rigward il-kwotazzjoni tal-purtieri (Nru. 05/2011) J B Stores Ltd. ġew ikkuntatjati biex jgħidulna jekk għadx għandhom dak il-materjal rekjest u kkwotat fil-kwotazzjoni.

1915 *(para. 1893)* Paul Camilleri l-uniku persuna li xeħet il-kwotazzjonijiet tal-Vertical Blinds (Nru. 6/2011) għandu jiġi kkuntatjat biex jagħmel ix-xogħol.

**Item 3 Korrispondenza**

1916 Memo 1094/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 29066 dwar Kunsilliera li ser jikkontestaw għall-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u ma jistgħux jerġgħu jikkontestaw.

1917 Memo 105/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar konferenza - *Building Together Sustainable Localities* fis-27 u t-28 ta' Novembru 2011 fil-Oracle Hall tad-Dolmen Resort Hotel. Reġistrazzjoni għandha ssir sat-23 ta' Novembru 2011.

SANNAT

1918 Memo 107/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. W449 rigward l-aċċess għal Persuni b'Diżabilta' għal dawk il-binjiet u servizzi li jaqgħu taħt r-responsabilta' tal-Kunsilli Lokali.

1919 Memo 107/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. W450 dwar xogħlijiet fi Playing fields, gonna, librerija, faċilitajiet ta' servizzi soċjali u strutturi ta' natura sportiva u kulturali, manutenzjoni meħtieġa jew jiġu mgħammra sabiex tiġi moqdija kull lokalita' u ċ-ċittadini.

1920 Memo 109/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. W451 dwar x'faċilitajiet għandu kull Kunsill Lokali f'Għawdex fir-rigwad tas-servizzi soċjali, centri tat-tfal, centri għal matul il-jum għal persuni b'diżabilta' u anzjani u faċilitajiet edukattivi oħra.

1921 Memo 109/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għeluq ta' toroq arterjali minfejn tgħaddi tal-linja.

1922 Ser issir preżentazzjoni ta' ktieb L-Avvanz tal-Pellegrini ta' John Bunyon għal librerija lokali. Din ser issir nhar it-28 ta' Novembru 201 fis-sala tal-Kunsill ta' Birkirkara. 1.30 p.m.

1923 Ittra mid-Dipartiment dwar talba mingħand Ms. Luisa Marro minn Casoria qrib Napli biex isir ġemellaġġ mal-Kunsilli Lokali Maltin.

1924 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħtu l-flus tal-Iskema Indafa 2009 għal darbtejn. Huma talbu r-refużjoni ta' tieni waħda.

1925 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-offerta mit-Taqsima responsabbli mill-Parks u Inizjattivi (fil-Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali) fejn kienu qed iħajru lill-Kunsili Lokali biex jibnu mixtla tas-siġar indiġni Maltin.

1926 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar stedina għall-Forum Nazzjonali tal-Wirt Kulturali nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2011 f'Dar il-Mediterran, il-Belt.

1927 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Cultural Activities Scheme tas-sena 2011. Huma talbu l-irċevuti fiskali u l-Iskeda tal-pagamenti biex iħallsu l-bilanc tagħhom lill-Kunsilli konċernati.

1928 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar toroq lesti u kemm kienet l-ispiża tal-PPP. Dwar din il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-kuntrattur biex jipprova jasal għal ftehim miegħu fuq il-prezz biex isir Triq Falkun.

1929 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Plenarja tal-Assoċjazzjoni li ser issir fit-3 ta' Diċembru 2011.

1930 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-Computerisation of Branch Libraries ħalli niffinalizzaw ix-xogħol sal-14 ta' Novembru biex tiġi *live* mal-LIS system.

1931 Ittra mill-MEPA dwar l-applikazzjoni PA/04831/10 tal-Country Road Off Triq Ras in-Newwiela li ser tagħtu permess biex jiġi restawrat il-ħajt eżistenti biss.

1932 Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilta kitbet rigward il-permess tal-Bidwi Park PA 2405/09. Dawn qalu li jridu iktar informazzjoni rigward ir-rampi. Il-perit ġa kitbilhom.

1033 Ittra mingħand Charles Bezzina fejn talab biex triq minn ta' Sannat tissemma għal Frank Bezzina: 1925 – 1996 Kittieb tal-Gwerra għar-raġuni li dan ħadem biex l-istorja tal-gwerra f'Ta' Sannat ma tintilifx. Il-Kunsill qabel li tissemma triq għalih.

1934 Il-Kerygma avżaw li jilqgħu nominazzjonijiet għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2011. Żmien għan-nominazzjonijiet hemm sal-30 ta' Novembru 2011.

**Item 4 Attivitajiet għal Milied**

1935 Il-Kunsill qabel li għal Milied tiġi imżejna Triq Sannat bid-dawl tal-Milied kif ukoll issir xi stilla jew xi ħaġa oħra mal-fanali tal-pjazza. Il-presepju għandu jiġi mdawwal ukoll. Għalhekk għandha toħroġ sejħa tal-kwotazzjonijiet. Fi Triq Sannat għandhom isiru sebgħa fistuni.

1936 Għandha ssir attivita' għaż-żgħażagħ li tikkonsisti f'ħarġa f'Malta. Il-Kunsillier Marlene Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilli li s-Sur Martin Bugelli mill-EU Commission li huma lesti jorganizzaw attivita' għaż-żgħażagħ Ta' Sannat u jħallsu huma l-ispejjeż.

1937 Għandha ssir attivita' tal-Milied għat-tfal li ser issir fl-Oratorju Dun Bosco fej n ser jittieħdu jaraw film u tiġi tiswa madwar tlett euro kull persuna kif ukoll t-tfal jingħataw bag tal-ħelu.

1938 Rigward il-gallettini li jitqassmu lill-anzjani fil-Milied, il-Kunsillier Teddie Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma jaqbilx u jidher li dan huwa illegali. Il-Kunsillier Joe Bajada qal li s-sena l-oħra lilu ħadd ma qallu biex joħroġ iqassmu l-kaxxi tal-galettini u ħarġu nies li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-Kunsill. Fuq hekk hu bħala protesta ma jaqbilx li għandhom jitqassmu dawn il-galettini. Il-Kunsill approva bi tlieta favur u tnejn kontra li jitqassmu dawn il-galettini. Il-Kunsill għandu jikkonferma mad-Dipartiment jekk jistax jqassam dawn il-galettini lill-anzjani.

**Item 5. It-Tender tat-tindif tat-toroq urbani**

1939 Ġiet diskussa it-tender tat-tindif tat-toroq urbani. Il-Kunsill qabel li l-bins tal-klieb iridu jitbattlu mill-kuntattur. Il-grad ta' tindif irid jkun Grade B. Għandha ssir skeda ta' toroq bil-ġranet kif ser jinkinsu. Din l-iskeda wara li tingħata t-tender għandha tintbagħat ġo djar biex ir-residenti ikunu jaf meta jinkinsu t-toroq.

1940 Il-Meeting li jmiss tal-Measure 313 u Measure 323 ser jkun fid-9 ta' Diċembru fil-Gozo Action Group Foundation Offices, ir-Rabat.

1941 Il-Kunsill approva li ħallas il-membership tal-librara fil-MaLIA li hi ta' €14.33 fis-sena.

1942 Saret talba għal għajnuna sabiex persuni mill-iskejjel sekondarji tar-Rabat li talbu għajnuna ta' €50 kull wieħed għal sitt studenti minn Ta' Sannat għal safra li ser jagħmlu fi Brussels fejn ser iżuru l-parlament. Il-Kunsill qabel li jisponsorja dawn il-persuni jekk id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokal ma jsibx oġġezzjoni.

SANNAT

**Item 6 Materja Oħra**

1943 Peress li fil-playing field qed jintrema ħafna karti għandhom jitpoġġew bins żgħar tas-separazzjoni mingħand il-Greenpak.

1944 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-playing field kiber il-ħaxix u hemm bżonn li tinħarat. Il-Kunsill ma qabilx li dan jinħarat għaliex il-ħaxix mhux kbir. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dan għandu jinħarat kull xahar fix-xitwa skont l-iskeda tal-kuntratt.

1945 Il-ħaddiema ma jridux jieħdu l-grass cutter fil-karozza għaliex kbir ħafna u qed issir il-ħsara fit-tapizzerija tas-saqaf. Is-Segretarju ppropona li jinxtra van jew pickup għaliex il-Kunsill għandu bżonn tat-transport.

1946 Luiga Bajada li toqgħod fejn il-ġibjun fi Triq il-Kbira ċemplet biex jibda jmur xi ħadd ħalli jieħu ħsieb inaddaf fuq il-ġibjun fejn hemm il-bankijiet għaliex hi ma għadhiex tiflaħ. Dan ix-xogħol kienet offriet li tagħmlu volontarjament.

1947 Kunsill qabel li fi Triq Saguna faċċata ta' Triq it-Tin isiru d-Double Yellow Lines. Għalhekk għandha ssir talba lill- Transport Malta.

1948 Il-moll ta' Mġarr ix-Xini fejn is-slipway qed iċedi. Il-Kunsill qabel li jinforma lil Transport Malta.

1949 Għandhom jiġu ordnati l-business cards tal-Kunsilliera.

1950 Wara li nkitbet ittra lis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita u Sannat Lions F. C. rigward il-WiFi internet. Dawn l-għaqdiet ħadd minnhom ma wera interess li l-apparat jiġi nstallat fil-post tagħhom. Il-Kunsill qabel li jerġa' jsir kuntatt mal-BOV forsi dawn jaċċettaw.

1951 Il-perit għandu jiġi mitlub sabiex jibgħat il-pjanta tal-Junction ta' Triq Ċenċ ma' Triq Marsilja lill-Transport Malta.

1952 Il-Kunsill approva il-Business Plan 2011 - 2013, ir-Rapport Amministrattiv 2010 u l-Quarterly Reports.

1953 Il-perit ipprepara l-kwotazzjoni tal-mappa tal-lokalita' u għandha toħroġ is-sejħa għal kwotazzjonijiet fuq il-gazzetta tal-Gvern.

**Item 7 Ilmenti**

1954 Wasal ilment dwar ħmieġ li nxeħet fi Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill għandu jġib open skip biex jinġabar.

1955 John Campbell, The Old School House, Triq il-Kbira ilmenta dwar is-siġar li hemm li għandhom bżonn ta' żabra. Il-Kunsill qabel li jitqabbad Emanuel Curmi biex jiżbor dawn is-siġar.

1956 Ittra mingħand John Grima fejn ippropona li ssir GIVEWAY sign fl-art għaliex it-triq hi dejqa u jgħaddi ħafna traffiku. Hu ppropona li ssir road hump fi Triq Dun Xand Aquilina ftit 'il fuq

minn Dwardu Butcher Shop. Hu semma li jaqbel mar-round about fil-Pjazza tax-Xelina, imma l-Stop sign eżistenti  li hemm fil-kantuniera ma Triq Dun Xnd Aquilina tibqa hemm.

1957 Ilment mingħand Joe Galea, Triq it-28 ta' April 1688 rigward siġra tal-privat li kibret u qed tagħlaq it-triq fil-kantuniera ma' Triq Dun Lazru Camilleri. Ġie nnutat li sid l-art fejn hemm is-siġra hu l-Awstralja. Għandu jiġi kkuntatjat id-Dipartiment tal-Aġrikultura biex naraw jekk din is-siġra tal-pine hix protetta.

1958 Il-Kunsill qabel li l-Pjazza tax-Xelina li hi maqsuma f'diversi toroq tingħata dan l-isem kif fil-fatt hi magħrufa fil-lokalita'. Għandha ssir talba lill-Kumitat Tismijiet ta' Toroq ta' Għawdex.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |